MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 278/2002/1

**Integrated Electronics Limited**

**vs**

**Goldkraft Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas, f'terminu qasir u perentorju li dina l-Qorti joghgobha tiffissa, l-ammont dovut ta' elfejn, mija u erbghin Lira Maltin (Lm2140) dovuti bhala hlas akkont tal-prezz skond tmien kambjali kopja taghhom annessa mal-

avviz, dovuti lis-socjeta' attrici ghall-merce konsistenti f'photocopier mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kopji tal-kambjalijiet imsemmijin fl-avviz (fol 2 sa fol 4 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-istess talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi billi l-"photocopier" meritu tal-kawza odjerna, mibjugha u kkonsenajta lill-eccipjenti, ma kienetx tal-kwalita' pattwita, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 14 kif ukoll ir-rispettivi noti a fol 15 u a fol 17 rispettivament.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher kemm mill-avviz in esami kemm minn nota tal-eccezzjonijiet ta-socjeta' konvenuta kemm minn nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-istess socjeta' konvenuta, qed jigi sostnut minn din is-socjeta "illi din mhix "actio cambraria" izda wahda ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu vis-à-vis prezz ta "photocopier" mibjugh u konsenjat mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta. Difatti jidher mill-istess avviz li s-socjeta attrici qed tghid li l-ammont specifikat fl-istess kambalijiet esebiti, hu dovut, bhala bilanc ta' prezz tal-oggett hawn fuq imsemmi. Dwar dan il-punt il-Qorti tara li, fis-sustanza, din li "actio cambraria" basata kif hi fuq il-kambjalijiet annessi, in fotokopja, mal-istess avviz, in konnessjoni ma' bilanc ta' prezz ghandha tigi kunsiderata bhala superfluwa. Bhala

konsegwenza ta’ dan, din l-azzjoni trid tigi regolata b’dak stipulat fil-Kodici tal-Kummerc in rigward kambjalijiet u strumenti kreditizji ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-eccezzjoni unika sollevata mis-socjeta’ konvenuta, jistghu jkunu applikabbli ghal dan il-kaz l-artikoli 197 u 198 tal-istess Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi l-artikolu 197 jirreferi specifikatament ghal “garanti” ossija “endorser”. F’dan il-kaz ma irrisultax li, effettivament, il-kambjalijiet in esami gew girati. Ghalhekk dan l-artikolu ma jistax jigi applikat.

Illi l-artikolu 198 jispecifika li eccezzjonijiet pesonali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux jdewmu l-hlas ta’ kambjali hlief meta l-istess eccezzjonijiet jkunu likwidi u jistghu jigu decisi malajr, f’kawza li tkun ghaddejja. Difatti jekk l-istess eccezzjonijiet jehtieg esami fit-tul l-istess esami ghandu jsir f’kawza ghaliha u separata. Certament l-eccezzjoni in esami ma hiex wahda likwida u tehtieg esami pjuttost fit-tul trattasi ta’ wahda li tinvolvi “l-kwalita pattwita” a basi tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

Illi ghandu jigi sottolineat li “actio cambraria” ghandhom jigu ammessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita’ fil-forma tal-istess kambjala meta jkun qed jinghad li din ghandha nieqes element essenzjali kostituttiv jew li jinvolvi falsifikazzjoni jew frodi.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta, di gja saret referenza ghall-artikoli 1390 tal-Kodici Civili. Kif jidher evidenti mill-istess artikolu ghandu jinghad “obiter” li l-punt sollevat jista’ jigi intavolat biss “per azione” jew bl-apposita kontro talba, u mhux “per eccezione”.

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, l-unika eccezzjoni sollevata mill-istess socjeta konvenuta ghandha tigi respinta.

Illi, in vista li ma gietx proposta xi eccezzjoni ohra, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-istess socjeta’ konvenuta, tilqa’ it-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex, fi zmien xahrejn millum stess, thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm2140.00,0 bl-imghax legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes. B’riserva “si et quatenus” ghal kull dritt skond il-ligi spettanti lis-socjeta konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta tikkritika din is-sentenza billi tavvanza dawn l-aggravji:-

1. Hi ssostni li l-ewwel Qorti ma messhiex cahdet l-eccezzjoni taghha bazata fuq l-inadempjenza kontrattwali illi l-photocopier komprata minnha ma kienetx tal-kwalita pattwita. F’dan il-kuntest tikkontendi, kif ghamlet fin-Nota tal-osservazzjonijiet quddiem il-qorti nferjuri, illi l-eccezzjoni taghha kienet tregi in kwantu l-kawza, mill-mod kif formulat l-Avviz, ma kellhiex titqies bhala azzjoni kambjarja izda wahda ta’ inadempjenza tal-obbligazzjoni emanenti minn kuntratt ta’ kompro-vendita. Tissottometti wkoll illi f’kaz ta’ dubju fl-interpretazzjoni dan ghandu jmur favur taghha.
2. Izzid tissottometti wkoll issa f’din is-sede illi kien hemm nuqqas serjissimu da parte tas-socjeta` appellata billi din ma esebietx il-kambjalijiet originali izda biss fotokopji taghhom. Dan ukoll, fil-fehma taghha, kellu jinduci lill-Qorti adita biex ma tikkunsidrax it-talba attrici bhala azzjoni kambjarja.
3. F’kull kaz, anke kieku si tratta ta’ azzjoni kambjarja, l-ewwel Qorti naqset imbaghad milli tinterpreta kif imiss l-Artikolu 197 tal-Kodici tal-Kummerc. Hi tikkontendi illi gjaladarba l-kambjalijiet ma gewx girati hi kellha kull dritt tissolleva l-eccezzjonijiet personali di fronte ghas-socjeta` attrici qua possessura tal-istess kambjalijiet.

Jigi puntwalizzat qabel kull dibattitu tal-meritu illi kif sewwa ssottomettiet is-socjeta` attrici appellata bir-riferenza ghall-Artikolu 171 tal-Kap 12 l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz in kwantu dak li hu necessarju fl-avviz, oltre l-firma tar-Registratur, huma l-ismijiet tal-partijiet, it-talba tal-attur, u l-jum u hin meta l-konvenut ghandu jidher. Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Francis Fenech –vs- Joyce Restall et**", Appell, Sede Inferjuri, per Imh. Maurice Caruana Curran, 29 ta' Marzu 1982.

Dan premess, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tafferma illi n-natura tal-azzjoni proposta hi dik kambjarja u huwa inutili li s-socjeta` appellanti tipprova tisposta l-materja billi ssostni b'mod semplicistiku illi l-kambjalijiet huma merament incidentali ghal dik li hi l-kontrattazzjoni primarja ossija l-kuntratt ta' bejgh. Is-socjeta` attrici ma ghazletx it-triq li xtaqet li tkun is-socjeta` appellanti billi timposta l-azzjoni taghha fuq il-kuntratt. Kieku ghamlet dan ma kienx ikun hemm dubju illi l-eccezzjoni taghha fondata fuq in-nuqqas tal-kwalita` mwieghda kienet tkun proceduralment korretta billi d-disposizzjoni tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 setghet tigi nvokata "per via di eccezzione". Ara decizjoni fl-ismijiet "**Emmanuel Borg –vs- John Xuereb**", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989. Invece s-socjeta` appellata optat ghall-azzjoni kambjarja u din, kif saput, hi azzjoni awtonoma u ghandha regoli pekuljari ghaliha.

Issa skond il-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati l-hlas tal-kambjali li tkun accettata u skaduta tigi dejjem ordnata meta l-eccezzjonijiet ikunu tali li jehtiegu indagini twila, salvi l-kawteli li l-Qorti jidrilha opportuni, kompriz li tirrizerva l-eccezzjonijiet ghal kawza separata. Jibqa' pero` vitali l-Art 198 (2) tal-Kodici tal-Kummerc illi l-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, m'ghandhiex tkun imdewma. Hekk allura l-Qorti ma tistax, ad exemplum, tinkariga periti bl-inkariku li jezaminaw eccezzjoni tax-xorta bhal dik sollevata f'din l-istanza. Ara "**Professur Carlo Mallia noe –vs- Mariano Accarino noe**", Appell Kumm, 22 ta' Novembru 1937.

Kif inghad fil-kawza "**Francesco Zammit nomine –vs- Paolo Scicluna noe**", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Frar 1907 (Vol XX pIII p15) - u dan kien kaz fejn kien qed jigi allegat li l-merce mixtrija kienet iddeterjorat – "secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno".

Dan it-taghlim sekolari baqa' jigi sostenut anke fiz-zmenijiet recentissimi, kif manifest fis-sentenzi fl-ismijiet "**United Acceptances Finance Limited –vs- Mario Grech pro et noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000 u "**Jet-Tech Limited –vs- Marcon Coppola**", Appell, 13 ta' Marzu 2001, fost bosta ohrajn.

Dan huwa anke evidenti minn din is-silta mehuda mid-decizjoni fl-ismijiet "**Adrian Busietta noe –vs- Marco Attard noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001:-

"Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (**Vol XXX pIII p499**), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u ma ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghal hrug taghha. Il-ligi stess proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija ta' l-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghal verifika u kontestazzjoni, anke wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuqha moghtija."

Jirrizulta mill-Artikolu 199 tal-Kodici tal-Kummerc illi l-ligi tikkonsenti in via eccezzjonali l-opposizzjoni ghall-hlas tal-kambjala fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-possessur. Il-gurisprudenza mbaghad weriet ukoll illi l-

Qorti ghandha d-dover tinvesti eccezzjonjijiet li jolqtu l-ezistenza tal-kambjali stess. In partikolari dawk rigwardanti l-kunsens ta’ l-accettant, ad exemplum, id-dolo (**Vol XXXIV pIII p845**; “**Lorenzo Ceci –vs- Alfred J. Baldacchino noe**, Qorti Kummerc, 8 ta’ Ottubru 1974). Eccezzjonijiet ohra ammessi li jinstemghu u jigu trattati fl-istess gudizzju tal-azzjoni kambjarja huma l-uzura (**Vol XXIX pIII p319**) u anke l-kompensazzjoni (**Vol XXX pII p499**), basta li din tkun tista’ tigi definita malajr.

Fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tas-socjeta` appellanti ma tappartjenix ghal xi wahda mill-kategorika tal-eccezzjonijiet permissibbli. Minn dak fuq dedott l-eccezzjoni moghtija mhiex ammissibbli u ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li skartata meta rrigwardata fl-ambitu ta’ dak dispost fl-Artikolu 198 tal-Kap 13.

Kwantu ghall-aggravju illi s-socjeta` attrici naqset li tesebixxi l-kambjalijiet originali din il-kontestazzjoni ma jidherx li qatt kienet sollevata quddiem l-ewwel Qorti u lanqas kummentata fis-sentenza appellata. Ghaldaqstant din il-Qorti ta’ revizjoni ma tistax tinoltra ruhha dwarha u mhux sewwa li taghmel dan meta l-fatti li fuqhom din il-kontestazzjoni tkun bazata jkunu ovvjament diga` maghrufa sew lis-socjeta` appellanti waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti u meta din allura ma tkunx okkupat ruhha minnha. Naturalment il-Qorti ser tahseb fid-decide biex filwaqt li ssostni l-ewwel sentenza tordna li l-kambjalijiet fil-pussess tas-socjeta’ appellata jigu mal-hlas ricevut mghoddija lis-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell intavolat qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata fl-interita` taghha, kompriz ghalhekk ir-rizerva ta’ kull azzjoni spettanti ‘si et quatenus’ lis-socjeta` konvenuta. Izzid pero` illi kontestwalment mal-hlas is-socjeta` appellata ghandha tikkonsenja l-original tal-kambjalijiet lis-socjeta` appellanti.

L-ispejjes tal-procedura prezenti jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------